MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-31 ta' Awwissu, 2006

Numru. 644/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur  Antonello Grech**

**vs**

**JANE REFALO mart Michael u bint George Mizzi u Mary Anne nee' Grech, imwielda fl-erbatax ta' Frar 1965 u residenti 'Flora Mater', Triq Santa Duminka, Rabat, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita numru 8065G.**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputata **JANE REFALO** mart Michael u bint George Mizzi u Mary Anne nee' Grech, imwielda fl-

erbatax ta' Frar 1965 u residenti 'Flora Mater', Triq Santa Duminka, Rabat, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita numru 8065G giet mressqa quddiemha w akkuzata talli b'diversi atti maghmulin minnha, wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fit-tlieta w ghoxrin [23] ta' Awissu, 2006 ghal habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00hrs), fir-Rabat, Ghawdex, u fid-diversi jiem ta' qabel matul l-istess xahar ta' Awissu, bhala l-persuna li ghandha l-kustodja tal-minuri Nathaniel ta' hdax [11] il-sena u Maria ta' disgha [9] snin, uliedha u ulied Dr. Michael Refalo MD ir-ragel taghha li hi separata minnu, naqset li tghaddi l-istess kustodja lil missierhom hawn fuq imsemmi Dr. Michael Refalo MD bejn t-tlieta ta' wara nofsinhar [15:00] u l-hamsa ta' wara nofsinhar [17:00] meta hekk ordnata b'digriet numru 27/2006 fl-atti numru 25/2006, fl-ismijiet Refalo Michael Dottor vs Refalo Jane datat tmienja w ghoxrin [28] ta' Lulju 2006, moghti mill-Magistrat Dottor Paul Coppini LL. D. fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja, u dan l-agir naqset li taghmlu minghajr raguni tajba u xierqa.

Rat d-dokumenti kollha fosthom d-diversi okkorrenzi esibiti u ritratt.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil Dottor Michael Refalo, lis-Social Worker Peter Paul Portelli, lil PS 1377 Emanuel Cilia, lil PC187 Mario Cassar, lil PS 1346 Anton Schembri.

Semghet lil imputata tixhed minn jeddha b'mod voluntarju u tghid li hi qatt ma kienet, la fil-passat u lanqas fil-present, taht kura medika, ghalkemm ghamlet erbat ijiem s-*short stay ward* tal-isptar Tal Ibragg u dan fil-perjodu antecedenti ghad-digriet tat-tmienja w ghoxrin ta' Lulju 2006 u li hi, taht l-ebda cirkostanza, ma ser taghti access ta' uliedha lil zewgha nonostante dan d-digriet .

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-wiehed u tletin ta' Awissu 2006.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti l-akkuza tirrizulta ppruvata ghas-sodisfazzjon taghha u peress li rat li ma hemm ebda raguni xierqa sabiex l-imputata tinnega l-access ta’ uliedha lil zewgha u peress li rat li l-imputata hija rassenjata li ma tobdix l-ordni tal-Qorti, il-Qorti thoss li l-piena idoneja fic-cirkostanzi hija dik ta’ prigunerija.

**Il-Qorti,** ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 338 (zz) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li l-akkuza kif moghtija fil-konfront tal-imputata JANE REFALO tirrizulta ppruvata u tikkundannaha ghal gimghatejn prigunerija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------